# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, 29 ta' Ottubru, 2020**

**Kawża Numru 12 (Kost.)**

**Rik. Nru. 50/2018 JRM**

Jimmy **MAGRO**

vs

**IL-PRIM MINISTRU TA' MALTA,** l-Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat, il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u l-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Jimmy Magro fl-10 ta' Mejju, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (i) issib ma jiswiex għaliex sar bi ksur tal-liġi u għalhekk mingħajr effett, ir-rapport finali mħejji mill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni"), billi naqset li ssegwi l-jeddijiet fundamentali tiegħu li

tagħtih il-possibilità li jkollu smigħ xieraq kif imħares bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u kif ukoll tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"); (ii) issib li l-Kummissjoni naqset milli ssegwi l-istess drittijiet fundamentali tiegħu fuq imsemmija; u (iii) tagħti dawk ir-rimedji kollha sabiex id-drittijiet tiegħu jiġu mħarsa. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2018, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissjoni intimata fil-21 ta' Ġunju, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalet li, preliminarjament, (1) ir-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih u għaldaqstant l-azzjoni tiegħu saret qabel waqtha; (2) il-Kummissjoni mhix qorti jew tribunal billi xogħolha hu li tinvestiga u mhux tagħti deċiżjoni, għaldaqstant ma jistax ikun hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali kif qed jixli r-rikorrent. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, fil-25 ta' Ġunju, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, preliminarjament, qalu li (1) mhumiex il-kontradittturi leġittimi għaliex ir-rikorrent mhu qed jattribwixxi ebda nuqqas fil-konfront tagħhom; (2) l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddux għall-każ, ladarba l-Kummissjoni twettaq biss investigazzjoni u ma tiddetermina ebda drittijiet jew obbligi ċivili jew akkużi kriminali; u (3) l-azzjoni mhux proponibbli skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat id-degriet tat-28 ta' Ġunju, 2018[1], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju mħarrek u l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrka l-oħra. Għal dan il-għan, ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju Avukat Maria Dolores Gauċi biex tisma' l-provi fuq l-istess eċċezzjonijiet preliminari;

Rat n-Nota ppreżentata mill-Kummissjoni intimata fis-16 ta' Lulju, 2018[2], marbuta mal-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2018, u l-ewwel eċċezzjoni sollevata minnha fit-Tweġiba għar-Rikors tar-rikorrent;

[1] Paġ. 34 – 5 tal-proċess
[2] Paġ. 36 sa 38 tal-proċess

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Rat il-verbal tal-Assistent Ġudizzjarju mogħti waqt is-seduta miżmuma quddiemha fid-19 ta' Settembru, 2018, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali fit-3 ta' Ottubru, 2018[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fid-19 ta' Diċembru, 2018, bi tweġiba għal dik tal-intimati[4];

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2019[5], li bih il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx sottomissjonijiet oħra xi jressqu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent jgħid li ġarrab ksur tal-imsemmi jedd billi ma ġiex mgħarraf li kien suġġett għal investigazzjoni u għaldaqstant ma ngħatax il-jedd li jipparteċipa b'mod sħiħ u jiddefendi ruħu kif imiss fl-istess proċeduri. Isejjes dan l-ilment tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq dawk tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Qiegħed jitlob li din il-Qorti ssib ma jiswewx il-proċeduri mnedija mill-Kummissjoni intimata u lanqas ir-rapport finali li bagħtet lill-Ministru intimat; issib li huwa ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu; u tagħtih rimedju sabiex jitħarsulu l-istess jeddijiet;

[3] Paġġ. 46 sa 51 tal-proċess
[4] Paġġ. 55 sa 67 tal-proċess
[5] Paġ. 70 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu kemm b'eċċezzjonijiet preliminari, kif ukoll fil-mertu. Din is-sentenza ser tingħata fuq l-eċċezzjonijiet preliminari mqanqla. Il-Kummissjoni ntimata tqanqal l-eċċezzjoni tal-intempestività billi tgħid li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih. Tgħid ukoll li hija entità investigattiva, u għaldaqstant ma tistax titqies bħala qorti, bil-konsegwenza li l-jedd fundamentali li dwaru r-rikorrent ressaq din l-azzjoni tiegħu ma seta' qatt jinkiser b'dak li ntalbet tagħmel u b'dak li għamlet;

Illi l-intimati Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, min-naħa l-oħra, laqgħu billi qalu li mhumiex il-kontraditturi leġittimi billi r-rikors mhu qed jattribwixxi ebda nuqqas fil-konfront tal-ebda wieħed minnhom. Itennu li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddux għall-każ tar-rikorrent billi l-Kummissjoni twettaq biss investigazzjoni u ma tiddetermina ebda drittijiet jew obbligi ċivili jew akkużi kriminali. Fl-aħħarnett, jgħidu li l-azzjoni hi improponibbli minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 18 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni[6];

Illi bħala <u>fatti rilevanti</u> jirriżulta li r-rikorrent kien f'impjieg ma' intrapriża u kien jokkupa wkoll kariga ta' direttur f'Korporazzjoni pubblika. F'Ġunju 2016, tressaq ilment minn terza persuna lill-Kummissjoni fejn xliet lir-rikorrent b'tixħim waqt il-qadi ta' dmirijietu (marbuta ma' sejħa pubblika għal offerti). Il-Kummissjoni iltaqgħet mal-persuna li ressqet l-ilment. Ittellgħu quddiemha wkoll numru ta' xhieda. Wara li semgħet lix-xhieda, il-Kummissjoni talbet ukoll lir-rikorrent biex jidher quddiemha. Jirriżulta li r-rikorrent deher quddiem il-Kummissjoni aktar minn darba, u kien mgħejjun mill-avukat tal-fiduċja tiegħu;

Illi fil-25 ta' Jannar, 2017, il-Kummissjoni ħejjiet rapport indirizzat lill-Ministru intimat. Minn dak li joħroġ mir-Rapport, il-Kummissjoni tenniet li, mix-xhieda mressqa, kien jirriżultalha li bejn Lulju u Awwissu tal-2014, ir-rikorrent kien involut f'każ ta' tixħim ta' flus. Tgħid ukoll li r-rikorrent għandu jedd għall-preżunzjoni tal-innoċenza, u li l-ġudizzju finali jibqa' f'idejn il-Qorti[7]. Ir-rikorrent jgħid li sar jaf bir-Rapport u x'fih "għall-ħabta ta' Frar tas-sena 2017". Kif inħareġ ir-Rapport, ir-rikorrent kien sospiż kemm mill-impieg tiegħu fl-intrapriża u mneħħi mill-pożizzjoni eżekuttiva li kellu fil-Korporazzjoni pubblika;

Illi fl-10 ta' Mejju, 2018, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

---

[6] Att XXII tal-1988 (Kap 326)
[7] Dok. "JM001" f'paġ. 5 sa 21 tal-proċess

Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ tar-rikorrent jitilqu mill-kwestjoni tal-jedd fundamentali li huwa jgħid li ġarrab ksur tiegħu. Joħroġ ċar mill-att promotur tal-kawża li r-rikorrent jibni l-każ tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa jqis li, b'dak li sar, kien imċaħħad minn jedd li jipparteċipa bis-sħiħ fil-proċeduri quddiem il-Kummissjoni u għaldaqstant li jiddefendi lilu nnifsu kif imiss[8], f'kelma waħda jixli lill-intimati bi ksur tal-ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali kif joħroġ fir-regola '*audi et alteram partem*'. Aktar tard, jgħid li l-ksur li hu jixli bih lill-intimati iħaddan fih ukoll il-prinċipju tal-"*equality of arms*"[9];

Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi*";

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata;

Illi, min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. .. ..; (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun*

[8] Ara r-raba' premessa fir-Rikors promotur f'paġ. 2 tal-proċess
[9] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 58 tal-proċess

*innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi; (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[10];

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilità tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent ma jispeċifikax liema dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni jqis li ġarrab ksur tagħhom. Jidher li jinvoka l-imsemmija dispożizzjonijiet b'mod ġeneriku, imma jlibbishom taħt il-prinċipju tal-*audi et alteram partem* meta kien imċaħħad minn jedd li jipparteċipa bis-sħiħ fil-proċeduri quddiem il-Kummissjoni u għaldaqstant li jitħalla jiddefendi lilu nnifsu kif imiss;

Illi wara li l-Qorti qrat sewwa l-imsemmija sottomissjonijiet u dawk tal-intimati jidher li l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti fil-fatt li r-rikorrent ma ntalabx jidher quddiem il-Kummissjoni mill-bidu nett tal-investigazzjoni, u li b'hekk ġie żvantaġġat għaliex ma setax jiddefendi lilu nnifsu kif imiss;

Il-Qorti iżda qabel kull ħaġa oħra, sejra tqis **l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimati, li biha jgħidu li, fil-każ ta' tlieta minnhom, dawn tħarrku għalxejn għaliex ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ. L-eċċezzjoni qiegħda titqajjem

[10] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak _Theory and Practice of the European Convention on Human Rights_ (4th Edit, 2006), § 10.10.1 f'paġ. 631

mill-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali, u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali;

Illi fi kliem l-intimati, ħadd minnhom ma għandu *locus standi* fil-kawża billi l-ebda waħda mill-premessi jew talbiet ma tolqot lil xi wieħed minnhom. Itennu li ma kellhom ebda sehem fl-investigazzjoni magħmula mill-Kummissjoni. Dan japplika wkoll fil-konfront tal-Ministru, li jissemma biss bħala l-persuna li rċieva kopja tar-rapport imħejji mill-Kummissjoni fuq stħarriġ magħmul minnha stess. L-Avukat tal-Istat, min-naħa l-oħra, jgħid li għandu jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-azzjonijiet li, minħabba n-natura tagħhom, ma jkunux jistgħu jiġu diretti lejn Kap ta' Dipartiment tal-Gvern ieħor[11];

Illi r-rikorrent, filwaqt li ma jispeċifikax l-intimati x'sehem taw fil-kwestjoni li minnha qed jilmenta, jilqa' billi jgħid li f'kawża ta' ksur ta' jedd fundamentali għandu jiġi mħarrek il-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern milqut mill-ilment, u fejn l-ilmenti ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mil-kapijiet tad-Dipartiment tal-Gvern, il-kawża għandha titressaq kontra l-Avukat tal-Istat[12];

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejaltà u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[13]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni, l-iżjed fejn il-kwestjoni mistħarrġa fl-ilment tkun tolqot fil-laħam il-ħaj xi jedd jew l-interessi tagħhom u biex ikun hemm integrità tal-ġudizzju[14];

Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f'din il-kawża, wieħed isib li dawn kollha jirrigwarda w il-fatt li l-Kummissjoni

[11] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 46 sa 47 tal-proċess
[12] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrent f'paġ. 66 tal-proċess
[13] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs K ummissarju tal-Pulizija et***
[14] Ara, b'eżempju, Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Cassar Torreġiani et vs Avukat Ġenerali et***

kienet qiegħda tistħarreġ ilment magħmul dwaru u t-tfassil tar-rapport li bagħtet lill-Ministru intimat. Fi kliem ieħor, l-ilmenti tar-rikorrent jintrabtu kollha mal-fatt tal-proċediment quddiem il-Kummissjoni. Għalhekk, bi tħaddim ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, għall-ilment tiegħu la għandhom iwieġbu l-intimat Prim Ministru u lanqas l-intimat Avukat tal-Istat. Fir-rigward tal-ewwel, ma ntwera bl-ebda mod li dan kien wettaq jew ordna li titwettaq xi ħaġa li dwarha jilminta ir-rikorrent; fil-każ tat-tieni, lanqas ma ntwera li l-Avukat tal-Istat iddaħħal jew indaħal fl-għoti ta' xi parir jew fl-użu ta' xi diskrezzjoni dipartimentali li dwarha r-rikorrent jgħid li ġarrab xi ksur tal-jeddijiet tiegħu. Lanqas ma huwa mistenni li dawn iż-żewġ intimati jagħtu lir-rikorrent xi rimedju minnu mitlub f'każ li l-Qorti ssib li l-ilment tiegħu huwa mistħoqq;

Illi jibqa' li wieħed jara jekk l-intimat Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jmissux jew le jibqa' fil-kawża. Mill-atti jirriżulta li l-Kummissjoni bagħtet lill-Ministru r-rapport bil-konklużjonijiet tagħha, kif titlob il-liġi[15]. Ma jirriżultax li tul l-investigazzjoni mill-Kummissjoni, il-Ministru kien b'xi mod involut. Għaldaqstant, ladarba l-ilment tar-rikorrent jintrabat mal-mod ta' kif imxiet il-Kummissjoni fl-istħarriġ tal-ilment li tressaq dwaru, il-Ministru intimat ma jidher li jista' jwieġeb għall-ebda għemil jew omissjoni min-naħa tiegħu, u għalhekk huwa wkoll għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni preliminari tal-imsemmija tliet intimati hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi jmiss li l-Qorti tqis **l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissjoni**, li titkellem dwar azzjoni tar-rikorrent mibdija qabel waqtha minħabba li huwa kellu rimedju ieħor fil-liġi li ma nqediex bih. Il-Kummissjoni tgħid li l-kwestjoni li jilmenta minnha r-rikorrent hija xilja ta' ksur mill-Kummissjoni tal-prinċipju ta' *audi et alteram partem*. Jgħid li bl-aġir tal-Kummissjoni, huwa ġarrab danni. Il-Kummissjoni ttenni li t-talbiet tar-rikorrent jistgħu jkunu mistħarrġa quddiem qorti ordinarja u għaldaqstant mhux quddiem din il-Qorti[16];

Illi, min-naħa l-oħra, ir-rikorrent jilqa' billi jgħid li l-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni jimpedih milli jfittex rimedju ordinarju billi taħt l-artikolu 18 tiegħu, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-egħmil u l-pubblikazzjoni ta' rapport mill-Kummissjoni. Jgħid ukoll li f'din il-kawża mhux qed jitlob riżarċiment tad-danni mġarrba minnu, iżda rimedju li mhux neċessarjament jkun wieħed li jissarraf fil-ħlas ta' somma flus. Itemm

[15] Art. 11(a) tal-Kap. 326 tal-Liġijiet ta' Malta
[16] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 36 sa 38 tal-proċess

billi jgħid li fi kwalunkwe każ, kumpens għall-ksur ta' jedd fundamentali huwa separat mill-kunċett ta' danni ċivili likwidati mill-qrati ordinarji[17];

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[18]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċedix l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[19];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[20]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[21];

---

[17] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġġ. 55 sa 57 tal-proċess
[18] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorità tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[19] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorità tal-Ippjanar et***
[20] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[21] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ v s Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

Illi, madankollu, l-eżistenza ta’ rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[22]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista’ jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[23];

Illi f’għadd ta’ sentenzi mogħtijin f’dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma’ kawża ta’ natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta’ illegalità, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m’hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta’ teħid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta’ teħid ta’ rimedju ordinarju – ukoll jekk sata’ kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta’ ħaddieħor m’għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma’ l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[24]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[25]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa’ fil-kompetenza ta’ organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se’ jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta’ xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni

[22] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[23] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorità tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[24] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorità tal-Ippjanar et***
[25] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[26];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[27]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata biex jinżamm il-bilanċ li ssemma aktar qabel[28];

Illi jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit dan l-aħħar f'kawżi li jolqtu lil Malta[29];

Illi meta jitħaddmu dawn il-prinċipju għal każ li għandha quddiemha, il-Qorti tasal għall-fehma li għalkemm fil-premessi r-rikorrent jilmenta minn tiġrib ta' reputazzjoni u telf finanzjarju (dan tal-aħħar preżumibilment dovut għall-fatt li tilef kariga jew telf ta' xogħol), l-ilment prinċipali jibqa' dak li minħabba li ma ngħatax smigħ xieraq, huwa ma kienx f'qagħda li jiddefendi lilu nnifsu u li, bis-sejbiet tal-Kummissjoni, jista' jkun suġġett għal proċeduri kriminali. Dan ta' l-aħħar mhux ilment li dwaru jista' jingħata rimedju minn Qorti fil-kompetenza 'ordinarja'[30], imma minn Qorti msejħa biex tqis ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali;

Illi l-Qorti għaldaqstant issib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa, u għandha twarrab l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissjoni ntimata;

Illi ladarba l-Qorti sabet li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati Prim Ministru, Avukat Ġenerali u Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali kienet mistħoqqa, strettament ma hux il-każ li tistħarreġ ukoll **it-tieni eċċezzjoni preliminari** tagħhom. Madankollu, ladarba dik l-eċċezzjoni tolqot fil-qofol tiegħu s-siwi tal-azzjoni mibdija mir-rikorrent u ladarba l-

---

[26] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[27] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorità Dwar it-Trasport Pubbliku***
[28] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[29] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72
[30] Il-Qorti hija tal-fehma li l-kawża msemmija mill-Kummissjoni fl-ismijiet ***Michael Borġ vs. Onor. Prim' Ministru et*** (Kost 27/10/2017) ma tgħoddx għal dan il-każ billi r-rimedju mfittex mir-rikorrent f'din il-kawża mhux wieħed li jista' jiġi mistħarreġ f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-art. 469A tal-Kap 12

partijiet ressqu sottomissjonijiet dwarha, il-Qorti ssib li għandha tqisha. Bis-saħħa tal-imsemmija eċċezzjoni preliminari, l-intimati jgħidu li l-proċeduri quddiem il-Kummissjoni ma jgħoddux għalihom id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni[31]. Fi kliem l-intimati, il-Kummissjoni twettaq biss investigazzjoni u ma tiddetermina l-ebda dritt jew obbligu ċivili jew akkuża kriminali. Għaldaqstant ma jgħoddux fil-konfront tagħha l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni[32] li fuqhom ir-rikorrent isejjes l-azzjoni tiegħu;

Illi għal din l-eċċezzjoni, ir-rikorrent jilqa' billi jgħid li l-liġi stess torbot lill-Kummissjoni li trid tħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Jgħid ukoll li kull ma jmur, il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qed jagħtu tifsiriet wiesgħa għat-tħaddim ta' dawn il-prinċipji milli kienu jingħataw tradizzjonalment[33];

Illi l-Qorti tqis li din il-kwestjoni ġiet mistħarrġa bir-reqqa mill-ogħla Qorti tagħna meta, wara li għarblet x'inhuma l-funzjonijiet li l-liġi tagħti lill-Kummissjoni, żiedet tgħid li:

"8. *Minn dan kollu, ma jistax ikun hemm l-iċken dubbju li l-Kummissjoni hija organu investigattiv u mhux aġġudikattiv. Il-fatt li ghandha tagħti l-opportunità lill-persuna li fuqha jaqa' s-suspett jew li tkun qed tigi investigata li tinstema' bil-ġurament u li ghandha timxi wkoll skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali ma jnaqqas xejn mill-funzjoni investigattiva tagħha u b'ebda mod ma jikkonverti dik il-funzjoni f'waħda aġġudikattiva, u, għalhekk, wisq anqas aġġudikattiva ta' xi drittijiet jew obbligi ċivili jew ta' xi akkuża kriminali.... L-obbligu impost fuq il-Kummissjoni li hija timxi "skond il-prinċipji tal-gustizzja naturali" huwa intiz sabiex jassigura li l-proċeduri investigattivi jimxu b'mod "fair"..*" [34]. F'dak il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali sabet li lmenti dwar l-operat tagħha msejsa fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddux;

Illi, kif ingħad aktar qabel, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jgħoddu għal proċediment fejn persuna tkun għaddejja minn proċedura fuq akkuża ta' reat quddiem qorti indipendenti u imparzjali li għandha s-setgħa li tiddetermina tali akkuża u ssib ħtija jew nuqqas ta' ħtija fix-xilja li ssir. Kif intwera sewwa f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tiddeċiedi jew taqta' dwar l-ebda ħtija u kulma tagħmel hu li, dwar dak li jirriżultalha minn stħarriġ jew investigazzjoni li tkun għamlet, tressaq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha. Fuq is-saħħa ta' tali rakkomandazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti

---

[31] Din hija wkoll it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Kummissjoni intimata
[32] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 48 sa 49 tal-proċess
[33] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrent f'paġ. 59 tal-proċess
[34] Kost. **15.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Prof. Anthony Jaccarini vs Il-Prim Ministru et***

jieħdu d-deċiżjonijiet xierqa dwar jekk jittressqux xiljiet ta' reat kontra persuna u jekk jittiħdux proċeduri quddiem xi qorti dwar dawk ix-xiljiet;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tħaddim tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ma jistax jingħad li r-rikorrent kien b'xi mod mixli ("*charged*") b'xi reat quddiem il-Kummissjoni. Dan jingħad ukoll jekk wieħed jagħraf li l-kunċett ta' "akkuża" għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għandu tifsira awtonoma u jiġbor fih kull xilja minn dak il-waqt li fih persuna tkun mgħarrfa uffiċjalment minn xi awtorità kompetenti li tkun saret kontriha allegazzjoni li wettqet reat jew minn dak il-waqt li l-qagħda ta' dik il-persuna tintlaqat b'mod sostanzjali mill-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet b'riħet xi suspetti mqajma kontrih[35]. Il-Qorti żżid ukoll li ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tar-rikorrent li l-Kummissjoni taġixxi bħala "tribunal" għall-finijiet tat-tifsira mogħtija lil dik il-kelma fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni[36]. Għall-kuntrarju ta' dak li jallega r-rikorrent, il-Kummissjoni ma imponiet fuqu l-ebda sanzjoni fuq l-ilment li kien tressaq dwaru quddiemha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni eċċezzjoni tal-intimati għandha mis-sewwa u sejra tintlaqa';

Illi b'konsegwenza tal-ilqugħ tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati, il-Qorti tqis li mhux il-każ li tistħarreġ ukoll **it-tielet eċċezzjoni preliminari**;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissjoni intimata** u ssib li din il-Qorti m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati Prim Ministru, Avukat Ġenerali u Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali** u ssib li ħadd minnhom ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti u qiegħda teħlishom milli jibqgħu fil-kawża;

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati Prim Ministru, Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali** u ssib li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddux għal proċeduri li jsiru quddiem il-Kummissjoni intimata; u

[35] Q.E.D.B. (GC) **13.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ibrahim & others vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 50541/08) § 249
[36] Kost. **17.9.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Il-Prim Ministru et*** §§ 23 – 6

**Tiċħad** għalhekk it-talbiet tar-rikorrent, bl-**ispejjeż tal-kawża** kontrih.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Ottubru, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Ottubru, 2020**